## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1624/2022 (AD)**

**MICHAEL SHAW (KI 203577M)**

**VS**

**IL-KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU,**
**IL-MINISTERU TAS-SAĦĦA, U**
**IS-SEGRETARJU PERMANENTI FIL-MINISTERU TAS-SAĦĦA**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Michael Shaw datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022, risposta tal-Ministeru għas-Saħħa u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa datata tletin (30) ta' Novembru 2022, u risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku datata tletin (30) ta' Novembru 2022.

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022, Michael Shaw, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex **iżżomm lill-intimati milli jkomplu bil-proċess tal-ħatra ta', u/jew jaħtru, Consultant Ophtalmic Surgeon fi ħdan id-Dipartiment tal-Oftalmoloġija fl-Isptar Mater Dei fir-responsabbilita' tal-Ministeru għas-Saħħa, in segwitu għas-sejħa ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-erbatax (14) t'April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u dan sakemm ir-rikorrent jikkontesta d-deċiżjoni/jiet meħuda mill-intimati eżekutati jew min minnhom relattivament għal din is-sejħa u senjatament u prinċipalment l-allokazzjoni tad-diversi marki mogħtija lilu kif ukoll dawk mogħtija lill-applikanti l-oħra, liema deċiżjoni jikkontendi illi hija legalment u fattwalment infondata u mhux korretta**;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022 stess, appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-Ġimgħa, tnejn (2) ta' Diċembru 2022, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati, u akkordat lill-intimati terminu sal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022 għar-risposta;

4. Permezz ta' żewġ risposti separati datati tletin (30) ta' Novembru 2022, il-Ministru għas-Saħħa u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa fuq naħa, u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq in-naħa l-oħra, opponew għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi r-rikorrent kien ġia intavola mandat t'inibizzjoni ieħor quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta b'talba identika għal dik odjerna, liema talba ġiet miċħuda.

**Fatti tal-Każ u t-Talba tar-Rikorrent**

5. Jirriżulta mill-atti illi r-rikorrent applika għall-post ta' Consultant Ophtalmic Surgeon fi ħdan id-Dipartiment tal-Oftalmoloġija fl-Isptar Mater Dei, in segwitu għal sejħa pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-erbatax (14)

t'April 2022. Meta ġie pubblikat ir-riżultat tas-sejħa nhar id-disgħa (9) t'Awwissu 2022, irriżulta illi r-rikorrent kien ġie fil-ħames (5) post minn tmien (8) persuni li applikaw għall-post. Ir-rikorrent ippreżenta petizzjoni lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Permezz ta' *e-mail* mibgħuta lir-rikorrent nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru 2022, ir-rikorrent ngħata informazzjoni dwar kif kienu ġew allokati lilu l-punti mill-Bord tas-Selezzjoni, iżda ġie informat ukoll illi qabel tingħata deċiżjoni finali, huwa kellu l-posisbilta' illi jissottometti informazzjoni ulterjuri għall-punti illi kien issolleva fil-petizzjoni tiegħu. Sussegwentement, permezz ta' *e-mail* oħra mibgħuta lir-rikorrent nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022, ir-rikorrent ġie mgħarraf illi saret reviżjoni tal-marki allokati u li hu kien tela' għar-raba' (4) post. Ir-rikorrenti iżda qiegħed xorta waħda jikkontesta l-proċess tal-għażla, b'dana illi qed jallega illi l-Bord ta' Selezzjoni u sussegwentement il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma ħarsux il-prinċipji ta' ġustizzja naturali kif ukoll wettqu għemil a bażi ta' kunsiderazzjonijiet li ma kinux relevanti, imorru kontra l-liġi, u jirraffiguraw ruħhom f'abbuż tas-setgħa amministrattiva li jwassal għal għemil għal għan mhux xieraq. Ir-rikorrent qiegħed għalhekk jitlob il-ħruġ tal-mandat odjern sakemm tiġi deċiża fil-mertu l-azzjoni ġudizzjarja illi biħsiebu jintavola r-rikorrent;

6. L-intimati, fir-risposti rispettivi tagħhom, jagħmlu referenza għall-fatt illi r-rikorrent diġa' intavola mandat t'inibizzjoni fuq l-istess mertu, liema mandat ġie mismugħ u deċiż quddiem Qorti diversement presjeduta, u cioe l-mandat ta' inibizzjoni numru 1383/2022 bl-istess ismijiet tal-mandat odjern. It-talba magħmula mir-rikorrent kienet ġiet miċħuda minn dik il-Qorti b'mod definittiv permezz ta' digriet datat sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022. In oltre, l-intimati jsostnu illi l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ma jissussistux fil-każ odjern, filwaqt illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku teċċpixxi wkoll illi hija mhix il-leġittima kontradittriċi u li kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, stante illi l-poter sabiex issir ħatra bħal dik in kwestjoni qiegħda f'idejn is-Segretarju Permanenti u mhux f'idejn il-Kummissjoni.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

8. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2022;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

10. Din il-Qorti sejra tindirizza primarjament il-punt sollevat mill-intimati dwar il-fatt illi mandat identiku għal dak odjern ġia ġie intavolat, trattat u miċħud minn din il-Qorti kif diversement presjeduta;

11. Meta tqabbel il-mandat odjern mal-mandat numru 1383/2022, din il-Qorti tinnota illi:

    a. It-talba rikorrenti saret mill-istess rikorrent kontra l-istess intimati (u dan nonostante l-fatt illi din il-Qorti kif diversement presjeduta kienet saħasitra ġia espremiet il-fehma illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma kellhiex tkun parti minn proċeduri bħal dawk odjerni);

    b. It-talba rikorrenti hija **<u>identika</u>**, saħansitra kelma b'kelma, għal dik kontenuta fil-mandat numru 1383/2022;

12. Kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati nostrana ddikjaraw illi talba għall-ħruġ t'att kawtelatorju bl-istess kawżali u fuq l-istess mertu bħal talba għall-ħruġ t'att kawtelatorju illi tkun preċedentement ġiet rifjutata, m'għandhiex tiġi

eżaminata mill-ġdid mill-Qorti sakemm ma jkunx hemm bidla fiċ-ċirkostanzi, stante illi altrimenti jkun qed jiġi tollerat *forum-shopping*[1];

13. Fit-trattazzjoni tal-partijiet tar-rikors odjern, din il-Qorti talbet lill-abbli difensur tar-rikorrent jindikalha jekk kienx hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi mill-ewwel talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni magħmula quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta, liema bidla tasal timmerita illi din il-Qorti terġa' tagħmel indaġini tal-każ odjern minkejja illi ġia saret indaġini ta' din ix-xorta minn din il-Qorti kif diversement presjeduta. It-tweġiba kienet fuq żewġ binarji: (a) illi meta ġie deċiż il-mandat numru 1383/2022, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet għadha qed tevalwa l-petizzjoni mressqa quddiemha mir-rikorrent, u kien għalhekk illi t-talba tar-rikorrent fil-mandat numru 1383/2022 ġiet miċħuda minn din il-Qorti kif diversement presjeduta; u (b) illi r-rikorrent ma qabilx ma' din il-Qorti kif diversement presjeduta in kwantu l-Qorti ddikjarat illi f'dan il-każ ma jissussistix l-element ta' preġudizzju irrimedjabbli;

14. Dwar dik illi hija l-ewwel raġuni, u cioe illi l-petizzjoni kienet għadha qed tiġi evalwata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta ngħatat l-ewwel deċiżjoni, din il-Qorti tinnota illi *se mai,* dak li nbidel bejn l-*e-mail* tal-għaxra (10) t'Ottubru 2022 illi warajha ġie intavolat il-mandat numru 1383/2022 u l-*e-mail* datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022, kien bidla fir-riżultat wara illi l-proċess ta' selezzjoni ġie rivedut, liema bidla <u>kellha eżitu favorevoli għar-rikorrent, għaliex mill-ħames (5) post ġie elevat għar-raba' (4) post</u>. In oltre, din il-Qorti tirrileva illi mhuwiex minnu illi dan kien il-punt illi fuqu straħet din il-Qorti kif diversement presjeduta meta ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-mandat numru 1383/2022; <u>**anzi**</u> jirriżulta minn qari akkurat tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversement prejseduta illi dak illi mmotiva d-deċiżjoni <u>ma kienx</u> il-fatt illi l-petizzjoni kienet wasslet sabiex tieqaf il-proċedura għall-ħatra. Difatti, fl-indaġini tagħha dwar jekk jissussistix l-element rikjest mill-Artikolu 873(3) meta mandat t'inibizzjoni jkun dirett

[1] Ara, *inter alia,* Mandat t'Inibizzjoni 519/2018/1, ***Daniel Farrugia vs V&F Portelli Investments Limited***, 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima u Mandat t'Inibizzjoni Nru 134/2016, ***Jacky System s.r.l vs Centurionbet Ltd***, 23 ta' Frar 2016, Onor Imħ Joseph R Micallef

kontra l-Gvern jew xi entita' pubblika, u cioe l-obbligu tal-Awtorita' pubblika illi kontriha jkun ġie intavolat il-mandat t'inibizzjoni illi taċċerta li l-fatt li qiegħed jilmenta r-rikorrent fil-fatt tassew ser jitwettaq, il-Qorti qalet,

> *[...] Mix-xhieda ta' Marie Rose Camilleri fis-seduta tal-24 ta' Ottubru jirrisulta li ġaladarba il-każ qiegħed jinstema' mill-Kummissjoni tal-Impjiegi, fosthom petizzjoni tar-rikorrent, il-proċess bħal issa wieqaf. Iżda jirrisulta li dan jibqa' wieqaf sakemm tiddeċiedi l-Kummissjoni. Minn naħa l-oħra din ix-xhud tagħmilha ċara li meta l-Awtoritajiet intimati, kif il-każ ikun deċiż mill-Kummissjoni ser ikomplu għaddejjin bil-proċess.*
>
> *Għalkemm huwa minnu li ħadd ma hu mistenni li jibqa' in perpetwita' li ma għamilx xi att, dan ma jfissirx li xi ħin jew ieħor ma għandhiex tittieħed deċiżjoni. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti, bil-mod kif inhi magħmula id-dikjarazzjoni minn dan ix-xhud,* ***din il-Qorti ma tħoss li dan jissodisfa il-vot tal-liġi, fis-sens li din il-Qorti għandha tieqaf li tipprovdi dwar it-talbiet rikorrenti fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk ser tkompli biex tikkonsidra żewġ punti oħrajn importanti għal dawn il-proċeduri****.* (emfasi miżjuda)

Huwa evidenti, għalhekk, illi din il-Qorti kif diversement presjeduta ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, meħud ukoll in konsiderazzjoni il-fatt illi l-petizzjoni tar-rikorrent sejra eventwalment tiġi deċiża, u irrispettivament mill-fatt illi l-petizzjoni tar-rikorrent kienet għadha pendenti. Dan, fl-opinjoni tal-Qorti, ma jwassalx sabiex jista' jiġi kkunsidrat illi l-fatt illi ngħatat deċiżjoni dwar il-petizzjoni jikkostitwixxi xi bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi illi timmerita illi jerġgħu jiġu indagati minn din il-Qorti fatti illi ġia ngħatat deċiżjoni dwarhom minn din il-Qorti kif diversement presjeduta;

15. Dan aktar u aktar, fil-fehma ta’ din il-Qorti, meta wieħed jikkonsidra t-tieni raġuni illi għaliha r-rikorrent jissottometti illi intavola l-mandat t’inibizzjoni odjern, u cioe illi ma jaqbilx mad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f’dak illi jirrigwarda l-element ta’ preġudizzju irrimedjabbli. Jekk sa dan il-punt kien hemm xi dubju dwar jekk l-intenzjoni tar-rikorrent wara l-mandat odjern kinitx sabiex “jappella” mid-deċiżjoni mogħtija fil-mandat numru 1383/2022, din id-dikjarazzjoni da parti tar-rikorrent neħħiet kull ombra ta’ dubju illi seta’ kien hemm. Il-fatt illi r-rikorrent ma qabilx mar-raġunijiet illi wasslu lil din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex tiċħad l-ewwel talba tagħha ma tista bl-ebda mod titqies bħala *‘bidla fiċ-ċirkostanzi’* illi tasal tiġġustifika talba oħra għall-ħruġ tal-mandat kif mitlub;

16. In konsiderazzjoni tal-premess, din il-Qorti tqis illi t-talba rikorrenti hija irritwali u ma jistħoqqilhiex illi tintlaqa’.

**Decide**

17. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-mandat t’inibizzjoni minħabba l-irritwalita’ tagħha.

Bl-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri kontra r-rikorrent.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, 9 ta’ Diċembru 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**